MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Numru 1255/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**VS**
***OMISSIS A***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *Omissis A* ta’ *omissis*-il sena, iben *Omissis M* u *Omissis O*, imwieled il-*omissis* nhar *omissis* u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru *omissis*.

Illi huwa akkuzat talli fl-*omissis*, gewwa *omissis* fil-limiti ta’ *omissis*:

a) B’eghmil zieni, ikkorrompa lil persuni taht l-eta’ u cioe’ *Omissis B*, *Omissis C*, *Omissis D*, *Omissis E*, *Omissis F*, *Omissis G*, *Omissis H* u *Omissis I*;

b) Illi huwa akkuzat talli fl-istess zminijiet u cirkustanzi, ecita, ghin jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' l-istess minorenni u cioe' *Omissis B*, *Omissis C*, *Omissis D*, *Omissis E*, *Omissis F*, *Omissis G*, *Omissis H* u *Omissis I*;
c) Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet u cirkustanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-minuri ndikati u l-familji taghhom ai termini ta' l-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.12) u dak ta' l-imputat (a fol.6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:
Il-fatti tal-kaz juru illi l-imputat, zaghzugh ta' *omissis* (*omissis*)-il sena kien espona l-genitali privati tieghu quddiem sitt (6) studenti bniet fi skola partikolari liema tfajliet kellhom bejn *omissis* (*omissis*) u *omissis* (*omissis*)-il sena, kif jidher mir-rinunzji ezebiti (ara Dok.RA5, Dok.RA7, Dok.RA9, Dok.RA11 u Dok.RA13). Il-genituri ta' dawn il-bniet ma ridux jiehdu passi kriminali kontra l-imputat.

Illi r-retroxena ta’ dan iz-zaghzugh hija wahda ta’ tragedji segwiti mill-qrib minn sventuri ta’ certa portata. L-imputat jbati minn marda genetika ‘*neurofibromatosis’* –marda genetika degenerattiva, li tisforma b’mod sever il-pazjent. (ara Dok.RA15 u Dok.RA16 – certifikat u rapport ta’ Dr. Simon Attard, Chairman Paediatrics.)

Illi apparti din it-tragedja personali, oht l-imputat ukoll kienet aflitta mill-istess marda u mietet fis-sena 2000, kawza ta’ *Chronic Myeloid Lukemia* li hija wahda mill-kumplikazzjonijiet jew konsegwenza ta’ din il-marda genetika. Dan kollu gara fi sfond ta’ missier alkoholiku u vjolenti, missier li wara s-separazzjoni minn ma’ martu ftit li xejn zamm kuntatt ma’ l-imputat. Illi, apparti dana kollu, l-imputat, minhabba l-kondizzjoni tieghu, safa vittma ta’ *bullying* serju fl-iskola li wasslu sabiex jittiehdu passi kriminali kontra student li ismu ma jistghax jixxandar stante illi huwa minuri.

Illi l-akkuzi misjuba kontra l-imputat minhabba illi saru f’lok pubbliku huwa *ex officio* u ghalhekk il-Qorti qeghedha tikkonsidra r-rinunzji tal-genituri tat-tfajliet citati fl-akkuza biss ai fini ta’ piena.

Illi ghal fini ta’ piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-*presentencing report* akkurat tal-Probation Officer John Testa.

Illi ghal dawn il-motivi, u fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat ***Omissis A***, hati skond l-akkuzi, bit-tieni (2) akkuza assorbita ai fini ta’ piena fl-ewwel (1) akkuza u wara li rat Artikoli 203, 209 u 37 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ sentejn, b’dana li l-imputat ghandu jzomm kuntatt mal-psikologu tieghu ghal perijodu ta’ sentejn.**
Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali nadifa netta ta’ l-imputat u r-rakkomandazzjonijiet kontenuti fil-*presentencing report* u l-fatt illi l-imputat jibbenefika minn

tnaqqis tal-piena skond il-Ligi stante' illi kien minuri meta kkommetta r-reati li bihom instab mixli.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------